

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

*Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali*

15.10.2007

PE396.478v01-00

## EMENDI 7-56

**Abbozz ta' opinjoni**

**(PE394.006v01-00)**

**Wojciech Roszkowski**

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar

Proposta għal regolament (COM(2007)0069 – C6-0078/2007 – 2007/0032(COD))

Test propost mill-Kummissjoni

Emendi tal-Parlament

Emenda mressqa minn Vincenzo Aita

Emenda 7  
Premessa 1

(1) Il-Kummissjoni teħtieġ li tkun fil-pussess ta' data dwar il-popolazzjoni u d-djar li hija affidabbli, dettaljata u komparabbli biżżejjed, sabiex tkun tista' twettaq il-ħidmiet li jingħatawliha, b'mod partikolari bl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat. Għandha tiġi żgurata komparabbiltà suffiċjenti fil-livell Komunitarju fir-rigward ta' metodoloġija, definizzjonijiet u l-programm ta' data u metadata statistika;

(1) Il-Kummissjoni teħtieġ li tkun fil-pussess ta' data dwar il-popolazzjoni u d-djar li hija affidabbli, dettaljata u komparabbli biżżejjed, sabiex tkun tista' twettaq il-ħidmiet li jingħatawliha, b'mod partikolari bl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat. Għandha tiġi żgurata komparabbiltà **għallinqas** suffiċjenti fil-livell Komunitarju fir-rigward ta' metodoloġija, definizzjonijiet u l-programm ta' data u metadata statistika;

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Livell ta' komparabbiltà tad-data fil-livell Komunitarju għallinqas suffiċjenti jikkostitwixxi l-objettiv minimu li għandu jintlaħaq peress li sistema statistika kunsiderevolment komparabbli*

*għal kull Stat Membru tippermetti interpretazzjoni aktar korretta tar-riżultati ta' l-isħarriġ statistiku.*

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 8  
Premessa 2

(2) Data perjodika statistika dwar il-popolazzjoni u dwar il-karatteristiċi prinċipali ta' individwi fir-rigward tal-familja, dawk soċjali, dawk ekonomiċi u fir-rigward id-djar hija neċessarja għall-istudju u d-definizzjoni ta' politika reġjonali u soċjali li taffetwa setturi partikolari fil-komunità;

(2) Data perjodika statistika dwar il-popolazzjoni u dwar il-karatteristiċi prinċipali ta' individwi fir-rigward tal-familja, dawk soċjali, dawk ekonomiċi u fir-rigward id-djar hija neċessarja għall-istudju u d-definizzjoni ta' politika reġjonali u soċjali li taffetwa setturi partikolari fil-komunità; ***B'mod partikulari, hemm il-ħtieġa biex tinġabar informazzjoni dettaljata dwar id-djar fl-appoġġ ta' attivitajiet Komunitarji varji bħall-promozzjoni ta' l-inklużjoni soċjali u l-immonitorjar tal-koeżjoni soċjali fil-livell reġjonali, jew il-protezzjoni ta' l-ambjent u l-promozzjoni ta' l-effiċjenza fl-enerġija;***

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*L-Unjoni Ewropea m'għandhiex kompetenza fil-politika tad-djar. Madankollu, sabiex tissawwar il-politika Komunitarja fil-qasam ta' l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali, tal-protezzjoni ta' l-ambjent u l-effiċjenza ta' l-enerġija hemm bżonn ta' data li tikkonċerna s-sitwazzjoni tad-djar.*

Emenda mressqa minn Vincenzo Aita

Emenda 9  
Premessa 2

(2) Data perjodika statistika dwar il-popolazzjoni u dwar il-karatteristiċi prinċipali ta' individwi fir-rigward tal-familja, dawk soċjali, dawk ekonomiċi u fir-rigward id-djar hija neċessarja għall-istudju u d-definizzjoni ta' politika reġjonali u soċjali li taffetwa setturi partikolari fil-

(2) Data perjodika statistika dwar il-popolazzjoni u dwar il-karatteristiċi prinċipali ta' individwi fir-rigward tal-familja, dawk soċjali, dawk ekonomiċi u fir-rigward tad-djar ***kif ukoll dwar is-sitwazzjoni tax-xogħol u d-djar tal-persuni individwali*** hija neċessarja għall-istudju u d-

komunità;

definizzjoni ta' politika reġjonali u soċjali li taffetwa setturi partikolari fil-komunità;

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Data dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-popolazzjoni fil-Komunità hija ta' importanza fundamentali għall-istħarriġ, għaliex hija strument importanti għall-analiżi u l-interpretazzjoni korretta tad-data dwar l-impjiegi fil-Komunità.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 10  
Premessa 2

(2) Data perjodika statistika dwar il-popolazzjoni u dwar il-karatteristiċi prinċipali ta' individwi fir-rigward tal-familja, dawk soċjali, dawk ekonomiċi u *fir-rigward tad-djar* hija neċessarja għall-istudju u d-definizzjoni ta' politika reġjonali **u** soċjali li taffetwa setturi partikolari fil-komunità;

(2) Data perjodika statistika dwar il-popolazzjoni u dwar il-karatteristiċi prinċipali ta' individwi fir-rigward tal-familja, dawk soċjali, dawk ekonomiċi u *fir-rigward tad-djar* hija neċessarja għall-istudju u d-definizzjoni ta' politika reġjonali, soċjali **u ambjentali** li taffetwa setturi partikolari fil-komunità;

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Miżuri tal-politika ambjentali huma attwali ħafna fl-UE u għandhom jiġu applikati u eżaminati bl-għajjnuna tad-data demografika disponibbli.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 11  
Premessa 4

(4) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika tal-Komunità li jikkostitwixxu l-qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ li l-ġbir ta' l-istatistiċi jikkonforma ma' l-istandards ta' imparzjalità, affidabilità, oġġettività, indipendenza xjentifika, rapport bejn l-ispiża

(4) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika tal-Komunità li jikkostitwixxu l-qafas ta' referenza għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ li l-ġbir ta' l-istatistiċi jikkonforma ma' l-istandards ta' imparzjalità, **trasparenza**, affidabilità, oġġettività, indipendenza xjentifika, rapport

u l-effettività, u kunfidenzjalità ta' l-istatistika;

bejn l-ispiża u l-effettività, u kunfidenzjalità ta' l-istatistika;

Or. pt

### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li ssir riferenza għat-trasparenza tal-proċedura ta' ġbir ta' statistika fl-Istati Membri, peress li l-ebda armonizzazzjoni ma hija prevista.*

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 12  
Premessa 8

(8) B'mod partikolari, għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi ***l-kundizzjonijiet għall-adozzjoni tad-definizzjonijiet, tistabbilixxi*** s-snin ta' referenza ***ulterjuri*** u tadotta l-programm tad-data ta' l-istatistika u l-metadata. Minħabba li dawn il-miżuri huma ta' skop ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi li mhumiex meħtieġa ta' dan ir-regolament, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

(8) B'mod partikolari, għandha tingħata setgħa lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi s-snin ta' referenza ***sussegwenti*** u tadotta l-programm tad-data ta' l-istatistika u l-metadata. Minħabba li dawn il-miżuri huma ta' skop ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi li mhumiex meħtieġa ta' dan ir-regolament, dawn għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju stipulata fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE.

Or. de

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 13  
Artikolu 2, paragrafu 1, punt (a)

a) "popolazzjoni" tfisser il-popolazzjoni nazzjonali ***u*** reġjonali bir-residenza tas-soltu fid-data ta' referenza msemmija fl-Artikolu 5 (2);

a) "popolazzjoni" tfisser il-popolazzjoni nazzjonali, reġjonali ***u lokali*** bir-residenza tas-soltu fid-data ta' referenza msemmija fl-Artikolu 5 (2);

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Il-popolazzjoni lokali fil-livell ta' belt jew komunità għandha tiġi inkluża wkoll fl-istatistika.*

Emenda mressqa minn Jan Olbrycht

Emenda 14

Artikolu 2, paragrafu 1, punt (b)

b) "djar" tfisser unitajiet ta' djars jew bini kif ukoll ir-relazzjoni bejn il-popolazzjoni u l-kwartieri ta' l-għixien fil-livelli nazzjonali u reġjonali fid-data ta' referenza. "bini" tfisser dak il-bini li attwalment fih, jew potenzjalment jista' jkun fih, unitajiet ta' djars;

*Ma tikkonċernax il-verżjoni Maltija*

Or. pl

Emenda mressqa minn Ljudmila Novak

Emenda 15

Artikolu 2, paragrafu 1, punt (c)

c) "residenza tas-soltu" tfisser il-post li fih persuna normalment tqatta' l-perjodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, irrispettivament minn assenzi temporanji għal għanijiet ta' rikreazzjoni, vakanza, żjarat lill-ħbieb u l-graba, negozju, kura medika jew pellegrinaġġ reliġjuż; **jew, jekk mhux disponibbli, il-post ta' residenza legali jew reġistrat;**

c) "residenza tas-soltu" tfisser il-post li fih persuna normalment tqatta' l-perjodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, irrispettivament minn assenzi temporanji għal għanijiet ta' rikreazzjoni, vakanza, żjarat lill-ħbieb u l-graba, negozju, kura medika jew pellegrinaġġ reliġjuż; **Il-persuni biss li**

**(i) jkunu għexu fir-residenza tas-soltu tagħhom għal perjodu kontinwu ta' mill-inqas tnax il-xahar qabel id-data ta' referenza, jew**

**(ii) jkunu waslu fir-residenza tas-soltu tagħhom tul it-tnax il-xahar qabel id-data ta' referenza bl-intenzjoni li joqogħdu hemm għall-inqas għal sena,**

**għandhom jitqiesu bħala residenti normali taż-żona ġeografika kkonċernata.**

***Jekk dan ma jkunx jista' jiġi stabbilit, "ir-residenza tas-soltu" tfisser il-post ta' residenza legali jew reġistrat.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għal raġunijiet ta' aktar ċarezza, fid-definizzjoni ta' "residenza tas-soltu" għandu jiġi inkluż perjodu speċifiku ta' żmien Qed jiġi propost li riferenza għal perjodu ta' tmax il-xahar tirrappreżenta l-perjodu minimu li persuna jkollha bżonn biex tikkunsidra post bħala "r-residenza tas-soltu". Għalhekk, din iż-żieda tiggarrantixxi aħjar li fil-qafas ta' ċensiment tinġabar informazzjoni u data aktar preċiżi.*

Emenda mressqa minn Vincenzo Aita

Emenda 16

Artikolu 2, paragrafu 1, punt (c)

c) "residenza tas-soltu" tfisser il-post li fih persuna normalment tqatta' l-perjodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, ***irrispettivament minn assenzi temporanji għal għanijiet ta' rikreazzjoni, vakanza, żjarat lill-ħbieb u l-graba, negozju, kura medika jew pellegrinaġġ reliġjuż; jew, jekk mhux disponibbli, il-post ta' residenza legali jew reġistrat;***

c) "residenza tas-soltu" tfisser il-post li fih persuna normalment tqatta' l-perjodu tal-mistrieħ tagħha ta' kuljum, ***kif inhu stabbilit fid-dokument tal-Conference of European Statisticians "Recommendations for the 2010 censuses of population and housing" fil-punti 156, 157, 158, 159 u 160 (Dokument ESC/AC.6/2005/2/Add.1/Rev.1 ta' 1-1.5.2006);***

Or. it

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kunċett ta' "residenza tas-soltu" jeħtieġ definizzjoni preċiża li tikkunsidra b'mod suffiċjenti każijiet eventwali li għalihom ikun diffiċli jiġi applikat il-kriterju ġenerali. Ir-referenza għad-dokument ta' l-ESC, li jinkludi r-rakkomandazzjonijiet f'dan ir-rigward, jidher li huwa s-soluzzjoni l-aktar xierqa għal neċessità bħal din.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 17

Artikolu 2, paragrafu 1, punt (f)

f) "reġjonali" tfisser fil-livell 1 tan-NUTS, fil-livell 2 tan-NUTS u fil-livell 3 tan-

"reġjonali" tfisser fil-livell 1 tan-NUTS, fil-livell 2 tan-NUTS u fil-livell 3 tan-NUTS,

NUTS, kif definit fil-verżjoni tal-klassifikazzjoni ta' unitajiet territorjali għall-istatistiċi (NUTS), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-verżjoni tiegħu valida fid-data ta' referenza, ***kif ukoll fil-livell 2 ta' l-Unitajiet Amministrattivi Lokali (LAU livell 2)***;

kif definit fil-verżjoni tal-klassifikazzjoni ta' unitajiet territorjali għall-istatistiċi (NUTS), stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-verżjoni tiegħu valida fid-data ta' referenza;

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Għal-livell 2 tal-LAU għandha tiġi mfassla definizzjoni separata, biex tiegħu kont tal-ħtieġa li fl-istatistiċi tiġi inkluża l-popolazzjoni lokali fil-livell ta' belt u ta' komunità.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 18

Artikolu 2, paragrafu 1, punt (f a) (ġdid)

***(fa) „lokali“ tfisser fil-livell 2 ta' l-Unitajiet Amministrattivi Lokali (Livell LAU 2);***

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Qed tingħata definizzjoni separata ta' "lokali" sabiex jittieħed kont tan-neċessità li l-istatistiċi jinkludu l-popolazzjoni lokali fil-livell ta' belt u ta' komunità*

Emenda mressqa minn Vincenzo Aita

Emenda 19

Artikolu 2, paragrafu 1, punt (g)

"fatturi essenzjali taċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u d-djar" tfisser elenku individwali, simultanjetà, universalità fi ħdan territorju definit, disponabbiltà ta' data dwar żoni żgħar u perjodità definita;

*Ma tikkonċernax il-verżjoni Maltija*

Or. it

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 20

Artikolu 2, paragrafu 1, punt (h)

***h) "mikrodata anonimizzata" tfisser reġistri ta' statistika individwali li jkunu ġew modifikati sabiex inaqqsu, skond l-aqwa prassi attwali, ir-riskju ta' l-identifikazzjoni ta' l-unitajiet statistiċi li jirrelataw magghom.***

***imħassra***

Or. de

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 21

Artikolu 2, paragrafu 2

***2. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni tista' tadotta d-definizzjonijiet irreferuti fil-paragrafu 1, skond il-proċedura rreferuta fl-Artikolu 7 (3).***

***imħassra***

Or. de

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 22

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni (Eurostat) data dwar il-popolazzjoni ***u d-djar*** li tkopri karatteristiċi ***determinati*** demografiċi, soċjali, ekonomiċi ***u dwar id-djar*** ta' ***individwi***, familji, ***djar***, unitajiet ta' l-għixien ***u bini*** fil-livelli nazzjonali u reġjonali kif ***stipulati*** fl-Anness.

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni (Eurostat) data dwar il-popolazzjoni li tkopri karatteristiċi ***speċifiċi*** demografiċi, soċjali ***u*** ekonomiċi ta' ***persuni***, familji ***u ta'*** unitajiet ta' l-għixien, ***kif ukoll data dwar id-djar*** fil-livelli nazzjonali u reġjonali kif ***inhuma deskritti*** fl-Anness.

Or. de



Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 23  
Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni (Eurostat) data dwar il-popolazzjoni u d-djar li tkopri karatteristiċi determinati demografiċi, soċjali, ekonomiċi u dwar id-djar ta' individwi, familji, djar, unitajiet ta' l-għixien u bini fil-livelli nazzjonali **u** reġjonali kif stipulati fl-Anness.

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni (Eurostat) data dwar il-popolazzjoni u d-djar li tkopri karatteristiċi determinati demografiċi, soċjali, ekonomiċi u dwar id-djar ta' individwi, familji, djar, unitajiet ta' l-għixien u bini fil-livelli nazzjonali, reġjonali **u lokali** kif stipulati fl-Anness.

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Il-popolazzjoni lokali fil-livell ta' belt jew komunità għandha tiġi inkluża wkoll fl-istatistika.*

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 24  
Artikolu 4, paragrafu 1, punt (e a) (ġdid)

***ea) kumbinazzjoni ta' ċensiment ibbażat fuq reġistru u kampjun ta' sondaġġ, ċensiment konvenzjonali u stima;***

Or. de

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 25  
Artikolu 4, paragrafu 3

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità tad-data u l-metadata li jiġu trasmessi. ***Il-Kummissjoni (Eurostat), b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, għandhom jipprovdu r-rakkomandazzjonijiet u r-rekwiżiti***

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex ***jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data. Id-dispożizzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-data ma jiġux effettwati minn dan ir-regolament.***

*metodoloġiċi mfassla sabiex jiżguraw l-kwalità tad-data u metadata prodotti, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza ta' l-Istatistiċi Ewropej għaċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni u d-Djar.*

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa l-kompitu ta' l-Istati Membri li jggarantixxu l-protezzjoni tad-data miġbura. Għalhekk ir-regolament preżenti m'għandux ikollu impatt negattiv fuq id-dispożizzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar il-protezzjoni tad-data.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 26  
Artikolu 4, paragrafu 3

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità tad-data u l-metadata li jiġu trasmessi. Il-Kummissjoni (Eurostat), b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, għandhom jipprovdu r-rakkomandazzjonijiet u r-rekwiżiti metodoloġiċi mfassla sabiex jiżguraw l-kwalità tad-data u metadata prodotti, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza ta' l-Istatistiċi Ewropej għaċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni u d-Djar.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw il-kwalità **u l-affidabilità** tad-data u l-metadata li jiġu trasmessi. Il-Kummissjoni (Eurostat), b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, għandhom jipprovdu r-rakkomandazzjonijiet u r-rekwiżiti metodoloġiċi mfassla sabiex jiżguraw l-kwalità **u l-affidabilità** tad-data u metadata prodotti, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjonijiet tal-Konferenza ta' l-Istatistiċi Ewropej għaċ-Ċensimenti tal-Popolazzjoni u d-Djar.

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*L-affidabilità ma tistax tiġi separata mill-kwalità li hija meħtieġa mid-data li tinġabar fil-livell ta' l-Istati Membri.*

Emenda mressqa minn Vincenzo Aita

Emenda 27  
Artikolu 5, paragrafu 2

**2. Kull Stat Membru għandu jiddetermina data li tirreferi għaliha d-data tiegħu** (data ta' referenza). Din id-data ta' referenza għandha tkun matul is-sena speċifikata fuq il-bażi ta' dan ir-regolament (sena ta' referenza). L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2011. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi snin ta' referenza sussegwenti skond il-proċedura rreferuta fl-Artikolu 7(3).

**2. Il-ġurnata li għaliha tirreferi d-data** (data ta' referenza) **għandha tkun l-istess għall-Istati Membri kollha**. Din id-data ta' referenza għandha tkun matul is-sena speċifikata fuq il-bażi ta' dan ir-regolament (sena ta' referenza). L-ewwel sena ta' referenza għandha tkun l-2011. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi snin ta' referenza sussegwenti skond il-proċedura rreferuta fl-Artikolu 7(3).

Or. it

### *Ġustifikazzjoni*

*Data uniformi ta' referenza għall-Istati Membri kollha hija indispensabbli għat-tqabbil tar-riżultati ta' l-istħarriġ statistiku, peress li d-data użata għandha tirreferi għall-istess perjodu ta' żmien.*

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 28  
Artikolu 5, paragrafu 5

**5. Il-programm tad-data statistika jista' jinkludi, b'żieda mad-data aggregata (fil-forma ta' table programme), kampjun ta' mikrodata anonimizata.**

**imħassar**

Or. de

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 29  
Artikolu 5, paragrafu 7

7. F'każi ta' reviżjonijiet jew korrezzjonijiet skond l-Artikolu 4(5) ta' dan ir-regolament, l-Istati Membri għandhom jgħaddu d-data modifikata **fil-ħin** lill-Kummissjoni (Eurostat).

7. 7. F'każi ta' reviżjonijiet jew korrezzjonijiet skond l-Artikolu 4(5) ta' dan ir-regolament, l-Istati Membri għandhom jgħaddu d-data modifikata lill-Kummissjoni (Eurostat) **mhux aktar tard mill-pubblikazzjoni tad-dejta riveduta.**

Or. de

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 30  
Anness, parti 1.1.2

- |                                      |                        |
|--------------------------------------|------------------------|
| - Popolazzjoni totali                | - Popolazzjoni totali  |
| - Lokalità                           | - Lokalità             |
| - Stat tad-dar                       | - Stat tad-dar         |
| - <b>Stat tal-familja</b>            |                        |
| - <b>Tip tan-nukleu tal-familja</b>  |                        |
| - <b>Daqs tan-nukleu tal-familja</b> |                        |
| - Tip tad-dar privata                | - Tip tad-dar privata  |
| - Daqs tad-dar privata               | - Daqs tad-dar privata |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn it-temi huma biżżejjed biex jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ta' l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali. Mhuwiex neċessarju li wieħed jidħol aktar fil-fond.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 31  
Anness, parti 1.1.2 inċiż 16 a (ġdid)

***- stabbiltà professjonali, b'kuntratt ta' żmien limitat u mhux limitat***

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*L-istabbiltà professjonali hija fattur li illum joħloq diskrepanzi kbar ħafna fis-soċjetà u għalhekk għandu jiġi analizzat.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 32  
Anness, parti 1.1.2 inċiż 16 b (ġdid)

***- Frekwenza tat-tibdil fis-sitwazzjoni professjonali***

*Ġustifikazzjoni*

*L-istabilità professjonali hija fattur li llum joħloq diskrepanzi kbar ħafna fis-soċjeta u għalhekk għandu jiġi analizzat.*

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 33  
Anness, parti 1.2.2

- |                                      |                        |
|--------------------------------------|------------------------|
| - Popolazzjoni totali                | - Popolazzjoni totali  |
| - Lokalità                           | - Lokalità             |
| - Stat tad-dar                       | - Stat tad-dar         |
| - <b>Stat tal-familja</b>            |                        |
| - <b>Tip tan-nukleu tal-familja</b>  |                        |
| - <b>Daqs tan-nukleu tal-familja</b> |                        |
| - Tip tad-dar privata                | - Tip tad-dar privata  |
| - Daqs tad-dar privata               | - Daqs tad-dar privata |

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*It-temi huma biżżejjed biex jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ta' l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali. Mhuwiex neċessarju li wieħed jidħol aktar fil-fond.*

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 34  
Anness, parti 1.3

*imħassra*

**1.3 Suġġetti rrakkomandati għall-livelli  
ġeografiċi:  
Livell nazzjonali, NUTS 1, NUTS 2, NUTS  
3, LAU 2**

**1.3.1 L-Istati Membri huma  
rrakkomandati jirrapportaw dwar is-  
suġġetti kollha li huma obbligatori għal-  
livell reġjonali NUTS 2, kif ukoll dwar il-  
livell reġjonali aktar fil-fond, propju sa' l-**

*iktar livell reġjonali fil-fond disponibbli.*

**1.3.2 Suġġetti mhux derivati**

- *Lokalità ta' l-iskola, il-kulleġġ jew l-università*
- *Mezz ta' trasport għax-xogħol*
- *Mezz ta' trasport għall-iskola, il-kulleġġ jew l-università*
- *Distanza ta' vjaġġar għax-xogħol u l-ħin meħtieġ*
- *Distanza ta' vjaġġar għall-iskola, il-kulleġġ u l-università u l-ħin meħtieġ*
- *Stat ċivil de facto*
- *Numru ta' tfal li twieldu ħajt*
- *Data (Dati) ta' żwieġ(ijiet) legali ta' nisa li qatt iżżewġu: i) l-ewwel żwieġ u (ii) iż-żwieġ attwali*
- *Data (Dati) tal-bidu ta' l-unjoni(jiet) konsenswali ta' nisa li qatt kienu f'unjoni konsenswali: i) l-ewwel unjoni konsenswali u (ii) l-unjoni konsenswali attwali*
- *Stat ta' attività tas-soltu*
- *Fornituri ta' servizzi mhux imħallsa, volontiera*
- *Tip ta' settur (unità istituzzjonali)*
- *Impjieġ informali*
- *Tip ta' post tax-xogħol*
- *Ħin normalment maħdum*
- *Nuqqas ta' impjieġ temporanju*
- *Żmien ta' qgħad*
- *Għadd ta' persuni li jaħdmu fl-unità lokali ta' l-istabbiliment*
- *Sors prinċipali ta' għixien*
- *Dħul*
- *Kwalifikazzjonijiet edukattivi*
- *Qasam ta' studju*
- *Attendanza ta' l-iskola*
- *Litteriżmu*
- *Kompetenzi tal-komputer*
- *Pajjiż tar-residenza tas-soltu preċedenti barra*
- *Tul totali tar-residenza fil-pajjiż*
- *Post tar-residenza tas-soltu ħames snin qabel iċ-ċensiment*
- *Raġuni għall-migrazzjoni*
- *Pajjiż tat-twelid tal-ġenituri*
- *Kisba taċ-ċittadinanza*
- *Etniċità*

- *Ilsien*
- *Reliġjon*
- *Stat ta' diżabilità*
- *Okkupanza waħda jew maqsuma*
- *Kera*
- *Prodotti għall-konsumatur li jservu fil-pussess tad-dar*
- *Għadd ta' karozzi disponibbli għall-użu mid-dar*
- *Ipparkjar tal-karozzi disponibbli*
- *Servizz tat-telefon u ta' l-internet*
- *Produzzjoni agrikola għal rasek (fil-livell tad-dar)*
- *Karatteristiċi tal-ħidmiet agrikoli kollha tul l-aħħar sena (fil-livell individwali)*

### *1.3.3 Suġġetti derivati*

- *Żoni urbani u rurali*
- *Gruppi soċjo-ekonomiċi*
- *Persuni bi sfond barrani/nazzjonali*
- *Gruppi ta' popolazzjoni rilevanti għall-migrazzjoni internazzjonali*
- *Popolazzjoni bi sfond ta' refuġjat*
- *Nies imċaqalqa internament*
- *Unjonijiet bejn nies ta' l-istess sess*
- *Stat tal-familja fil-kobor*
- *Tip ta' familja rikostitwita*
- *Tip ta' familja fil-kobor*
- *Kompożizzjoni tal-ġenerazzjonijiet fi djar privati*

Or. de

Emenda mressqa minn Ljudmila Novak

Emenda 35  
Anness, parti 1.3

*imħassra*

**1.3 Suġġetti rrakkomandati għall-livelli ġeografiċi:**  
**Livell nazzjonali, NUTS 1, NUTS 2, NUTS 3, LAU 2**

**1.3.1 L-Istati Membri huma rrakkomandati jirrapportaw dwar is-**

*suġġetti kollha li huma obbligatoriġi għallivell reġjonali NUTS 2, kif ukoll dwar il-livell reġjonali aktar fil-fond, propju sa' l-iktar livell reġjonali fil-fond disponibbli.*

### *1.3.2 Suġġetti mhux derivati*

- Lokalità ta' l-iskola, il-kulleġġ jew l-università*
- Mezz ta' trasport għax-xogħol*
- Mezz ta' trasport għall-iskola, il-kulleġġ jew l-università*
- Distanza ta' vjaġġar għax-xogħol u l-ħin meħtieġ*
- Distanza ta' vjaġġar għall-iskola, il-kulleġġ u l-università u l-ħin meħtieġ*
- Stat ċivil de facto*
- Numru ta' tfal li twieldu ħajjin*
- Data (Dati) ta' żwieġ(ijiet) legali ta' nisa li qatt iżżewġu: i) l-ewwel żwieġ u (ii) iż-żwieġ attwali*
- Data (Dati) tal-bidu ta' l-unjoni(jiet) konsenswali ta' nisa li qatt kienu f'unjoni konsenswali: i) l-ewwel unjoni konsenswali u (ii) l-unjoni konsenswali attwali*
- Stat ta' attività tas-soltu*
- Fornituri ta' servizzi mhux imħallsa, voluntiera*
- Tip ta' settur (unità istituzzjonali)*
- Impjieg informali*
- Tip ta' post tax-xogħol*
- Ħin normalment maħdum*
- Nuqqas ta' impjieg temporanju*
- Żmien ta' qgħad*
- Għadd ta' persuni li jaħdmu fl-unità lokali ta' l-istabbiliment*
- Sors prinċipali ta' għixien*
- Dħul*
- Kwalifikazzjonijiet edukattivi*
- Qasam ta' studju*
- Assistenza ta' l-iskola*
- Litteriżmu*
- Kompetenzi tal-komputer*
- Pajjiż tar-residenza tas-soltu preċedenti barra*
- Tul totali tar-residenza fil-pajjiż*
- Post tar-residenza tas-soltu ħames snin qabel iċ-ċensiment*
- Raġuni għall-migrazzjoni*



- *Pajjiż tat-twelid tal-ġenituri*
- *Kisba taċ-ċittadinanza*
- *Etniċità*
- *Ilsien*
- *Reliġjon*
- *Stat ta' diżabilità*
- *Okkupanza waħda jew maqsuma*
- *Kera*
- *Prodotti għall-konsumatur li jservu fil-pussess tad-dar*
- *Għadd ta' karozzi disponibbli għall-użu mid-dar*
- *Ipparkjar tal-karozzi disponibbli*
- *Servizz tat-telefon u ta' l-internet*
- *Produzzjoni agrikola għal rasek (fil-livell tad-dar)*
- *Karatteristiċi tal-ħidmiet agrikoli kollha tul l-aħħar sena (fil-livell individwali)*

### *1.3.3 Suġġetti derivati*

- *Żoni urbani u rurali*
- *Gruppi soċjo-ekonomiċi*
- *Persuni bi sfond barrani/nazzjonali*
- *Gruppi ta' popolazzjoni rilevanti għall-migrazzjoni internazzjonali*
- *Popolazzjoni bi sfond ta' refuġjat*
- *Nies imċaqalqa internament*
- *Unjonijiet bejn nies ta' l-istess sess*
- *Stat tal-familja fil-kobor*
- *Tip ta' familja rikostitwita*
- *Tip ta' familja fil-kobor*
- *Kompożizzjoni tal-ġenerazzjonijiet fi djar privati*

Or. en

### *Ġustifikazzjoni*

*It-temi rakkomandati li l-Istati Membri kellhom jirrapportaw dwarhom fuq bażi volontarja għandhom jitneħħew, peress li joħolqu burokrazija żejda u ma jipprovdu l-ebda valur miżjud liċ-ċensimenti tal-popolazzjoni rikjesti. Din id-deċiżjoni hija konformi ma' rakkomandazzjoni relattiva tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika għall-Kunsill ta' l-UE.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 36

Anness, parti 1.3.2 inċiż 5 a (ġdid)

**- Distanza ta' vjaġġar bejn ir-residenza tas-soltu u l-ispazji ta' ħdura kif ukoll żoni rikreattivi**

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess tal-popolazzjoni għal ċerti benefiċċji u servizzi llum jirrappreżenta indikatur importanti għall-ġustizzja soċjali fis-soċjetajiet tagħna. Għaldaqstant l-informazzjoni dwar dan l-aċċess hija ta' importanza speċjali.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 37

Anness, parti 1.3.2 inċiż 5 b (ġdid)

**- Distanza ta' vjaġġar bejn istituzzjoni prinċipali tas-saħħa u r-residenza tas-soltu**

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess tal-popolazzjoni għal ċerti benefiċċji u servizzi llum jirrappreżenta indikatur importanti għall-ġustizzja soċjali fis-soċjetajiet tagħna. Għaldaqstant l-informazzjoni dwar dan l-aċċess hija ta' importanza speċjali.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 38

Anness, parti 1.3.2 inċiż 5 c (ġdid)

**- Disponibilità ta' ilma u elettriku**

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess tal-popolazzjoni għal ċerti benefiċċji u servizzi llum jirrappreżenta indikatur*

*importanti għall-ġustizzja soċjali fis-soċjetajiet tagħna. Għaldaqstant l-informazzjoni dwar dan l-aċċess hija ta' importanza speċjali.*

Emenda mressqa minn Grażyna Staniszevska

Emenda 39

Anness, parti 1.3.2 inċiż 8

**- Data (Dati) ta' żwieġ(ijiet) legali ta' nisa li imħassra  
qatt iżżewġu: i) l-ewwel żwieġ u (ii) iż-żwieġ  
attwali**

Or. pl

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-kwiżjoni tidħol wisq fil-ħajja privata u tikkonċerna biss lin-nisa. Dan mhuwiex ġustifikat.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 40

Anness, parti 1.3.2 inċiż 8

**- Data (Dati) ta' żwieġ(ijiet) legali ta' nisa li - Data (Dati) ta' żwieġ(ijiet) legali ta'  
qatt iżżewġu: i) l-ewwel żwieġ u (ii) iż-żwieġ attwali *persuni* li qatt iżżewġu: i) l-ewwel żwieġ u  
(ii) iż-żwieġ attwali**

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Id-diskriminazzjoni mhijiex ġustifikabbli hawnhekk.*

Emenda mressqa minn Grażyna Staniszevska

Emenda 41

Anness, parti 1.3.2 inċiż 9

**- Data (Dati) tal-bidu ta' l-unjoni(jiet) imħassar  
konsenswali ta' nisa li qatt kienu f'unjoni  
konsenswali: i) l-ewwel unjoni konsenswali  
u (ii) l-unjoni konsenswali attwali**

*Ġustifikazzjoni*

*Din il-kwiżjoni tidħol wisq fil-ħajja privata u tikkonċerna biss lin-nisa. Dan mhuwiex ġustifikat.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 42

Anness, parti 1.3.2 inċiż 9

- Data (Dati) tal-bidu ta' l-unjoni(jiet) konsenswali ta' **nisa** li qatt kienu f'unjoni konsenswali: i) l-ewwel unjoni konsenswali u (ii) l-unjoni konsenswali attwali

- Data (Dati) tal-bidu ta' l-unjoni(jiet) konsenswali ta' **persuni** li qatt kienu f'unjoni konsenswali: i) l-ewwel unjoni konsenswali u (ii) l-unjoni konsenswali attwali

*Ġustifikazzjoni*

*Id-diskriminazzjoni mhijiex ġustifikabbli hawnhekk.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 43

Anness, parti 1.3.2 inċiż 41

- Servizz tat-telefon u ta' l-internet

- Servizz tat-telefon u ta' l-internet (**normali u netwerk ta' frekwenza wiesgħa**)

*Ġustifikazzjoni*

*L-aċċess tal-popolazzjoni għal ċerti benefiċċji u servizzi llum jirrappreżenta indikatur importanti għall-ġustizzja soċjali fis-soċjetajiet tagħna. Għaldaqstant l-informazzjoni dwar dan l-aċċess hija ta' importanza speċjali.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 44

Anness, parti 1.3.3 inċiż 7

- Unjonijiet bejn nies ta' l-istess sess

- Unjonijiet bejn nies ta' l-istess sess **u unjonijiet bejn nies ta' sess differenti**

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Il-karatteristiċi soċjali għandhom jinterpretaw id-data skond ir-relazzjonijiet interpersonali attwalment rikonoxxuti legalment.*

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 45  
Anness, parti 2.1.1

- Tip tal-kwartieri ta' l-għixien  
- **Lokalità tal-kwartieri ta' l-għixien**  
- **Stat ta' okkupanza ta' residenza konvenzjonali**  
- **Għadd ta' okkupanti**  
- **Spazju għall-użu w/jew Għadd ta' kmamar fl-unitajiet ta' l-għixien**  
- Residenzi skond it-tip ta' bini  
- Residenzi skond il-perjodu ta' kostruzzjoni

- Tip tal-kwartieri ta' l-għixien

- Residenzi skond it-tip ta' bini  
- Residenzi skond il-perjodu ta' kostruzzjoni

Or. de

*Ġustifikazzjoni*

*Dawn it-temi huma biżżejjed biex jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ta' l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali. Mhuwiex neċessarju li wieħed jidħol aktar fil-fond.*

Emenda mressqa minn Ljudmila Novak

Emenda 46  
Anness, parti 2.1.1 inċiż 7 a (ġdid)

- **Daqs tal-ġnien magħn id-dar**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Jekk niġbru din l-informazzjoni estensiva kollha, nistgħu nżidu wkoll data dwar il-ġonna, biex ikollna element ieħor għat-tqabbil u l-analiżi.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 47  
Anness, parti 2.1.1 inċiż 7 a (ġdid)

**- Daqs (kategorija)**

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Il-lokalità u l-ispazju disponibbli għal kull membru tan-nukleu familjari u l-kwalità ta' dan l-ispazju huma paramenti importanti għall-analiżi tal-kwalità ta' ħajja tal-popolazzjoni. Il-kwalità tal-ħajja titkejjel ukoll minn kemm jiġu sodisfatti l-esiġenzi soċjali fil-qasam ambjentali kif ukoll fil-qasam ta' l-enerġija.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 48  
Anness, parti 2.1.1 inċiż 7 b (ġdid)

**- Sena ta' kostruzzjoni u l-aħħar intervent ta' manutenzjoni strutturali**

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Il-lokalità u l-ispazju disponibbli għal kull membru tan-nukleu familjari u l-kwalità ta' dan l-ispazju huma paramenti importanti għall-analiżi tal-kwalità ta' ħajja tal-popolazzjoni. Il-kwalità tal-ħajja titkejjel ukoll minn kemm jiġu sodisfatti l-esiġenzi soċjali fil-qasam ambjentali kif ukoll fil-qasam ta' l-enerġija.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 49  
Anness, parti 2.1.1 inċiż 7 c (ġdid)

**- klassifikazzjoni ta' l-ambjent u l-enerġija**

Or. pt

## *Ġustifikazzjoni*

*Il-lokalità u l-ispazju disponibbli għal kull membru tan-nukleu familjari u l-kwalità ta' dan l-ispazju huma parametri importanti għall-analiżi tal-kwalità ta' ħajja tal-popolazzjoni. Il-kwalità tal-ħajja titkejjel ukoll minn kemm jiġu sodisfatti l-esiġenzi soċjali fil-qasam ambjentali kif ukoll fil-qasam ta' l-enerġija.*

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 50  
Anness, parti 2.2.1

- |   |   |
|---|---|
| - <b>Arranġamenti tad-djar</b>  |   |
| - Tip tal-kwartieri ta' l-għixien   | - Tip tal-kwartieri ta' l-għixien               |
| - <b>Lokalità tal-kwartieri ta' l-għixien</b>                               |   |
| - <b>Stat ta' okkupanza ta' residenza konvenzjonali</b>                     |   |
| - <b>Tip ta' pussess</b>  |   |
| - <b>Għadd ta' okkupanti</b>  |   |
| - <b>Spazju għall-użu u/jew Għadd ta' kmamar fl-unitajiet ta' l-għixien</b> |   |
| - Sistema ta' provvista ta' l-ilma  | - Sistema ta' provvista ta' l-ilma              |
| - <b>Faċilitajiet tat-tojlit</b>  | - <b>Komunikazzjoni mas-sistema tad-dranaġġ</b> |
| - <b>Faċilitajiet għall-ħasil</b>   |   |
| - Tip ta' tişhin  | - Tip ta' tişhin                                |
| - Residenzi skond it-tip ta' bini   | - Residenzi skond it-tip ta' bini               |
| - Residenzi skond il-perjodu ta' kostruzzjoni                               | - Residenzi skond il-perjodu ta' kostruzzjoni   |

Or. de

## *Ġustifikazzjoni*

*It-temi huma biżżejjed biex jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ta' l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali.*

*Mhuwiex neċessarju li wieħed jidħol aktar fil-fond.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 51  
Anness, parti 2.2.1 inċiż 8

- |                                     |  |
|-------------------------------------|--|
| - Sistema ta' provvista ta' l-ilma. | - sistema ta' provvista ta' l-ilma <b>u komunikazzjoni mas-sistema tad-dranaġġ</b> |
|-------------------------------------|--|

Or. pt

## *Ġustifikazzjoni*

*Mhux biss l-aċċess għall-provvista ta' l-ilma iżda wkoll l-aċċess għas-sistema tad-dranaġġ ifissru differenza ġeneralment rikonoxxuta bejn ċirkustanzi soċjali tal-ħajja.*

Emenda mressqa minn Elisabeth Schroedter

Emenda 52  
Anness, parti 2.3

*imħassra*

**2.3 Suġġetti rrakkomandati għall-livelli  
ġeografiċi:  
Livell nazżjonali, NUTS 1, NUTS 2, NUTS  
3, LAU 2**

**2.3.1 L-Istati Membri huma  
rrakkomandati jirrapportaw dwar is-  
suġġetti kollha li huma obbligatori għal-  
livell reġjonali NUTS 2, kif ukoll dwar il-  
livell reġjonali aktar fil-fond, propju sa' l-  
ihtar livell reġjonali fil-fond disponibbli.**

**2.3.2 Suġġetti mhux derivati**  
- Disponibbiltà u karatteristiċi ta' residenzi  
sekondarji, ta' l-istaġun u vakanti  
- Okkupanza skond l-għadd ta' djar privati  
- Tip ta' kmamar  
- Ilma sħun  
- Tisħin ta' l-ilma sanitarju  
- Tip ta' sistema ta' rimi tad-dranaġġ  
- Kċina  
- Faċilitajiet għat-tisjir  
- Sorsi ta' enerġija wżati għat-tisħin  
- Insulazzjoni termali tar-residenza  
- Provvista ta' l-elettriku  
- Produzzjoni ta' l-elettriku  
- Gass imwassal permezz ta' pajpijiet  
- Arja kkundizzjonata  
- Ventilazzjoni  
- Pożizzjoni ta' residenza fil-bini  
- Aċċessibilità għar-residenza  
- Lift  
- Residenzi skond l-għadd ta' sulari fil-bini  
- Residenzi skond il-materjali li minnu  
huma mibnija partijiet speċifiċi tal-bini li  
fih hemm ir-residenzi



- *Residenzi skond l-istat ta' tiswija tal-bini*
- *Separazzjoni ta' l-iskart fid-djar*

Or. de

Emenda mressqa minn Ljudmila Novak

Emenda 53  
Anness, parti 2.3

*imħassra*

**2.3 Suġġetti rrakkomandati għall-livelli ġeografiċi:**  
**Livell nazzjonali, NUTS 1, NUTS 2, NUTS 3, LAU 2**

**2.3.1 L-Istati Membri huma rrakkomandati jirrapportaw dwar is-suġġetti kollha li huma obbligatori għall-livell reġjonali NUTS 2, kif ukoll dwar il-livell reġjonali aktar fil-fond, propju sa' l-iktar livell reġjonali fil-fond disponibbli.**

**2.3.2 Suġġetti mhux derivati**

- *Disponibilità u karatteristiċi ta' residenzi sekondarji, ta' l-istaġun u vakanti*
- *Okkupanza skond l-għadd ta' djar privati*
- *Tip ta' kmamar*
- *Ilma sħun*
- *Tisħin ta' l-ilma sanitarju*
- *Tip ta' sistema ta' rimi tad-dranaġġ*
- *Kċina*
- *Faċilitajiet għat-tisjir*
- *Sorsi ta' enerġija wżati għat-tisħin*
- *Insulazzjoni termali tar-residenza*
- *Provvista ta' l-elettriku*
- *Produzzjoni ta' l-elettriku*
- *Gass imwassal permezz ta' pajpijiet*
- *Arja kkundizzjonata*
- *Ventilazzjoni*
- *Pożizzjoni ta' residenza fil-bini*
- *Aċċessibilità għar-residenza*
- *Lift*
- *Residenzi skond l-għadd ta' sulari fil-bini*
- *Residenzi skond il-materjali li minnu huma mibnija partijiet speċifiċi tal-bini li*

***fih hemm ir-residenzi***  
***- Residenzi skond l-istat ta' tiswija tal-bini***  
***- Separazzjoni ta' l-iskart fid-djar***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-temi li l-Istati Membri kellhom jirrapportaw dwarhom fuq bażi volontarja għandhom jitneħħew, peress li joħolqu burokrazija żejda u ma jipprovdu l-ebda valur miżjud liċ-ċensimenti tal-popolazzjoni. Din id-deċiżjoni hija konformi ma' rakkomandazzjoni relattiva tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Istatistika għall-Kunsill ta' l-UE.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 54

Anness, parti 2.3.2 inċiż 22 a (ġdid)

***- Aċċess għall-bini pubbliku u privat għal persuni b'diżabilitajiet differenti***

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Il-garanzija tad-drittijiet ta' persuni bi bżonnijiet speċjali għandha tkun oġġett ta' preokkupazzjoni fl-istrumenti kollha li aħna noħolqu.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 55

Anness, parti 2.3.2 inċiż 22 b (ġdid)

***- Trasport u mezzi ta' trasport urbani***

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Il-garanzija tad-drittijiet ta' persuni bi bżonnijiet speċjali għandha tkun oġġett ta' preokkupazzjoni fl-istrumenti kollha li aħna noħolqu.*

Emenda mressqa minn Jamila Madeira

Emenda 56

Anness, parti 2.3.2 inċiż 22 c (ġdid)

***- Mobilitàà ġewwa d-dar u l-bini li tinsab fih id-dar***

Or. pt

*Ġustifikazzjoni*

*Il-garanzija tad-drittijiet ta' persuni bi bżonnijiet speċjali għandha tkun oġġett ta' preokkupazzjoni fl-istrumenti kollha li aħna noħolqu.*